Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0115

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 fir-rigward ta’ assistenza addizzjonali u aktar flessibbiltà għar-reġjuni ultraperiferiċi affettwati minn diżastri naturali severi u fil-kuntest taċ-ċiklun Chido, li kellu effetti devastanti f’Mayotte

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 228/2013 fir-rigward ta' assistenza addizzjonali u aktar flessibbiltà għar-reġjuni ultraperiferiċi affettwati minn diżastri naturali severi u fil-kuntest taċ-ċiklun Chido, li kellu effetti devastanti f’Mayotte (COM(2025)0190 – C10-0071/2025 – 2025/0104(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0190),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0071/2025),

 wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

 wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

 wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-19 ta’ Mejju 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 170 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P10_TC1-COD(2025)0104

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tas-17 ta’ Ġunju 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 228/2013 fir-rigward ta’ assistenza addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi affettwati minn diżastri naturali severi, u aktar flessibbiltà fir-rigward tagħhom u fil-kuntest tad-devastazzjoni kkawżata miċ-ċiklun Chido f’Mayotte

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, ir-Regolament (UE) 2025/1276.)